# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# Decizjoni Numru 1899

**Kaz Numru 2456**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Alfred Charles Attard**

**u**

**Tony Sciberras de Giovanni bhala operator ta' Shigo Teletwist u fit-30 ta' Ottubru 2008 l-atti gew assunti minn Maria Dolores Sciberras de Giovanni**

***dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta***

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Hamis 15 ta' Jannar 2009**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar is-7 ta' Frar 2007.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Alfred Charles Attard, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent ,kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.

2.2 Tony Sciberras de Giovanni, bhala operatur ta' Shigo Teletwist li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kien assistit mill-Avukat Martin Fenech. Wara l-mewt ta' zewgha, Maria Dolores Sciberras assumiet l-atti tal-kaz u kompliet bl-istess assistenza.

3. **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata bhala *Salesman* nhar is-17.02.93 u wara xi zmien mhux indikat kompla bhala *Technicia*n. Matul dawn it-tlettax -il sena hu qatt ma kien imwiddeb dwar xi nuqqasijiet, u r-relazzjonijiet tieghu mas-sid, Tony Sciberras de Giovanni, kienu mill-ahjar. Nhar is-27.11.06 ,waqt diskussjoni ta' natura teknika bejn ir-rikorrent u s-sid, ir-rikorrent irrifjuta ordni tas-sid biex jaghmel bicca xoghol li hu fehem li ma kinitx mehtiega. Meta b'rejazzjoni ghal dan ir-rifjut is-sid wiegbu *"you might as well have stayed at home"* ir-rikorrent qam u telaq mill-kamra fejn sar il-konfront. Waqt li kien hiereg mid-dar tas-sid, l-istess sid ordnalu jhalli c-cwievet ta' l-ufficcju u tal-*workshop* u jmur id-dar. Wara li ghaddew jumejn kien cempillu s-sid u talbu jirritorna c-cavetta tal-*workshop* li kienet jew nieqsa jew mibdula. F'Jannar 2007, wara li rcieva dokument minghand il-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig, ir-rikorrent sar jaf li s-sid kien iddikjara li kien irrizenja. Minhabba din id-dikjarazzjoni kien iffaccja diffikultajiet dwar ir-registrazzjoni ghax-xoghol, izda wara xi zmien dawn id-diffikultajiet kienu rizolti.

4. **Lista tax-xhieda**

4.1 Maria Dolores Sciberras xehdet ghall-kumpanija intimata.

4.2 Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

5. **Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet :

5.1.1 zewg certifikati tal-mard datati 13.02.07 u 04.05.07 rilaxxati f'isem ir-rikorrent biex jikkonfermaw l-indispozizzjoni tieghu li jattendi ghas-seduti tat-Tribunal Industrijali.

5.1.2 affidavit datat 19.09.07 ta' Tony Sciberras de Giovanni immarkat dok. TSG/1.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa kopja ta':

5.2.1 kopja ta' ittra datata 06.12.06 li turi l-hlasijiet mibghuta lilu mis-sid rigwardanti t-temma ta' l-impjieg immarkata Dok. ASA/ISB1.

5.2.2 kopja ta' formola tal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegu u Tahrig datata 16.01.07 riferenza SM. HRIU.C117 immarkata Dok.B.

5.2.3 dikjarazzjoni dwar il-kaz mhux datata, immarkata Dok. A.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Maria Dolores Sciberras De Giovanni,** armla ta' Tony Sciberras De Giovanni, stqarret li zewgha kien fil-kummerc jimporta u jistalla taghmir tat-televizjoni u T-telefon. Ir-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija intimata, l-ewwel fil-kariga ta' *Salesman* u wara sakemm spicca fil-kariga ta' *Technician*, responsabbli mill-istallazzjoni, tiswijiet u gbir ta' flus. Jum fost l-ohrajn ghal xi t-08.30am ir-rikorrent wasal bhas-soltu biex jitkellem ma' zewgha fuq ix-xoghol tal-gurnata. Xi hin wara li beda d-diskors bejniethom, hi semghet lil zewgha jghid lir-rikorrent biex jaghmel xi haga teknika fuq numru ta' telefons. Ghal dan id-diskors hi semghet lir-rikorrent iwiegeb li dak ix-xoghol ma kienx hemm ghalfejn isir u li ma kienx ser jaghmlu. Fl-istess waqt semghet lil zewgha jwiegeb "Jekk ma tridx taghmel dak li qieghed nghidlek stajt bqajt id-dar." Meta sema' dan d-diskors ir-rikorrent qam u telaq il-barra. Wara xi zmien ir-rikorrent kien gab lura c-cwievet li kien izomm. Ix-xhud kompliet tghid li x-xoghol ma setax jitkompla minghajr l-impjieg tar-rikorrent u wara xi zmien semghat lil zewgha jcempel lir-rikorrent u jistiednu biex jerga' jidhol lura ghax-xoghol, izda dan ma giex. Minhabba li l-kumpanija intimata ma kellhiex aktar impjegati l-istallazzjoni tat-taghmir waqfet u tant iehor it-tiswijiet ta' l-istess taghmir. Wara xi zmien ix-xoghol ghadda f'idejn haddiehor. Ix-xhud ikkonkludiet li ma kienet taf xejn dwar dak li ddikjara zewgha lill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig rigwardanti t-temma ta' l-impjieg.

6.2 **Alfred Charles Attard**, ir-rikorrent, wara li ffirma d-dikjarazzjoni tieghu tal-kaz kif tidher fid-dokument immarkat Dok. A, stqarr li madwar xahrejn qabel is-27.11.06 meta sehh l-inkontru mas-sid il-kumpanija intimata impurtat zewg kampjuni ta' taghmir tat-telefon mic-Cina. Wara l-ezamijiet teknici li saru hu stalla dan it-taghmir fil-belt Valletta minflok iehor li kien insteraq. It-taghmir hadem tajjeb u wara li ghadda xi zmien nhar it-27.11.06 Tony Sciberras de Giovanni ordnalu jistalla s-sistema tal-1021 f'dan l-istess taghmir gdid. Hu wiegeb li ma setax jaghmel dan ghaliex ma kienx jaf kif u ssuggerixa li jistennew sakemm tasal il-kunsinna ordnata ta' taghmir simili meta jkun aktar facli li dak li xtaq isir. Tony Sciberras de Giovanni ordnalu jibghat e-mail biex jikseb taghrif kif seta' jsir dak li xtaq hu. Ix-xhud kompla jghid li hu qal lis-sid li xorta wahda ma kienx hemm ghalfejn ghaliex mit-telefon gdid fil-belt Valletta kienu jsiru bejn erba' u hames telefonati fix-xahar biss ghal barra minn Malta. Allura t-talba tieghu kienet ser tkun hela ta' zmien. Tony Sciberras de Giovanni wiegbu bil-frazi "*you might as well go home*." Meta sema' hekk ix-xhud interpreta d-diskors li kien ifisser li qieghed jitkecca, ghaldaqstant qam u telaq. Meta wasal fis-sular t'isfel u hareg fil-bitha, is-sid hareg rasu mit-tieqa u ordnalu jhalli c-cwievet ta' l-ufficcju u tal-hanut fejn isir ix-xoghol. Wara ftit granet is-sid cempillu u qallu li wahda mic-cwievet ma kinitx taqbel u talbu jgib ic-cavetta proprja. Nhar is-06.12.06 ircieva ittra minghand is-sid li kienet tinkludi cekk bil-hlasijiet

dovuti lilu, izda qatt ma kellu xi stedina biex jerga' lura fl-impjieg. Ghalkemm wara gimgha hadem ghal zmien qasir, dam ma sab xoghol fiss sa April 2007.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Martin Fenech f'isem il-kumpanija intimata stqarr li:

- il-partijiet qablu li s-sid kien ta ordni lir-rikorrent biex jistalla sistema teknika f'taghmir tat-telefon u r-rikorrent ammetta li ghar-ragunijiet li spjega ma kellux ghalfejn jaghmel dak li kien ordnat.

- fid-diskors kollu li sar kemm fil-kamra fejn sar l-inkontru bejn is-sid u r-rikorrent u wkoll meta s-sid kellem lir-rikorrent minn fuq ghal isfel, il-kelma 'tkeccija' ma ntqalet qatt. It-tkeccija kienet interpretazzjoni tar-rikorrent biss.

- Ir-rikorrent kien li qam minn bil-qieghda u telaq mid-dar tas-sid. Minbarra hekk ir-rikorrent la cempel biex jiccara l-pozizzjoni tieghu u wisq anqas ma rega' lura ghax-xoghol.

- Jirrizulta mill-istqarrija tas-sid li hu kien stieden lir-rikorrent biex jissiehbu flimkien biex ikun jista' jitkompla x-xoghol, izda dan irrifjuta.

- Tkeccija ma kienet taghmel ebda sens ghas-sid. Dan ghaliex ir-rikorrent kien l-uniku impjegat u t-tluq tieghu hesrem holoq problemi kbar ghall-kumpanija intimata.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem ir-rikorrent stqarr li:

- rigwardanti l-affidavit li ghamel.

- ftit granet biss wara l-incident is-sid iddikjara lill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig li r-rikorrent kien irrizenja mill-impjieg u baghat ittra lir-rikorrent flimkien mal-hlasijiet dovuti lilu skond il-Ligi.

- Maria Dolores Sciberras de Giovanni ftakret biss id-diskors rigwardanti l-pern tat-tilwima, u xejn aktar. Dan jixhet dubju dwar il-kredibilita' tax-xhud.

- Meta kien ordnat ihalli c-cwievet qabel ma jitlaq, ir-rikorrent fehem li kien imkecci. It-tifsira tal-kliem li nghad ma tistax tinghata interpretazzjoni ohra.

- Jekk, skond ma ntqal mill-parti l-ohra, ir-rikorrent ma kellux dicenza jcempel, dan jghodd ukoll ghas-sid.

- Fl-avvidavit tieghu, is-sid ma ghamel ebda enfasi fuq l-allegata offiza ta' dizubbidjenza. L-enfasi saret biss waqt it-trattazzjoni tal-parti l-ohra. Jirrizulta allura li l-istess sid ma kienx qies l-allegat offiza bhala wahda gravi li timmerita t-temma ta' l-impjieg.

- It-Tribunal Industrijali kemm –il darba ppronunzja ruhu li t-temma ta' l-impjieg ghandha tkun l-ahhar mizura dixxiplinarja. Minhabba li r-rikorrent qatt ma kien imwiddeb qabel, zgur li f'dan il-kaz it-temma ta' l-impjieg ma kinitx proporzjonata ma' l-akkuza.

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

- It-Tribunal Industrijali dejjem ippronunzja ruhu li meta jkun hemm allegazzjoni jew ta' temma ta' impjieg jew ta' rizenja, bil-fomm jew bil-miktub din ghandha ssir bi kliem li jkun car fit-tifsira tieghu. Fl-affidavit tieghu datat 19.09.07, is-sid stqarr li t-twegiba tieghu fil-konfront tar-rifjut tar-rikorrent li jsegwi l-ordni li tah kienet *"you might as well have stayed at home*." Fix-xhieda tieghu ir-rikorrent stqarr li s-sid qallu "*if you are not gonna do it you might as well go home because if you don't do as I tell you, you just can go home."* Dawn il-frazijiet jammontaw ghal espressjoni ta' frustrazzjoni li ma kinitx tinkludi l-kelma tkeccija. Kien ir-rikorrent li, minghajr ma staqsa xejn dwar x'rid ifisser is-sid, interpreta l-espressjonijiet imsemmija bhala decizjoni ta' temma ta' l-impjieg.

- L-ordni li s-sid ta lir-rikorrent waqt li kien hiereg, biex ihalli c-cwievet warajh, kienet interpretata mir-rikorrent li kienet issahhah aktar l-interpretazzjoni tieghu li kien qieghed jitkecca. Izda dan id-diskors seta' wkoll ikun interpretat li jfisser li s-sid ma riedx li jhalli c-cwievet tieghu f'idejn impjegat, li minhabba li ma obdiex l-ordni tieghu, qam u telaq, bil-possibbilta' li ma jergax lura, u allura bir-riskju li c-cwievet ta' l-istabbiliment jispiccaw f'idejn persuna mhux awtorizzata li zzommhom.

- Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali fil-jum tas-27.11.06, la kien hemm tkeccija min-naha tas-sid u anqas rizenja ta' l-impjieg min-naha tar-rikorrent.

- Wara t-tluq tieghu minn fuq il-lant tax-xoghol nhar is-27.11.06, ir-rikorrent assenta ruhu kull jum ta' xoghol sakemm nhar is-06.12.07 ircieva l-ittra li ggib l-istess data.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali ddecieda li r-rikorrent ma tkecciex mis-sid, izda kien hu li b'rizultat ta' interpretazzjoni unilaterali ta' dak li ntqal, abbanduna l-impjieg bl-assenza tieghu ghal numru ta' granet konsekuttivi wara s-27.11.06.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**